KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
HOGAN
ippreżentati fis-16 ta' Lulju 2020 [1]

Kawża C-427/19

Bulstrad Vienna Insurance Group AD
vs
Olympic Insurance Company Ltd

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofiyski rayonen sad (il-Qorti Distrettwali ta' Sofija, il-Bulgarija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2009/138/KE – Deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ ta' kumpanniji tal-assigurazzjoni – Definizzjoni – Kompetenza sabiex tiġi identifikata l-eżistenza ta' deċiżjoni bħal din – Irtirar tal-awtorizzazzjoni ta' kumpannija tal-assigurazzjoni – Ħatra ta' stralċjarju provviżorju – Assenza ta' proċedura ta' insolvenza ġudizzjarja – Sospensjoni tal-proċeduri legali kollha kontra l-kumpannija tal-assigurazzjoni"

I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirriżulta minn proċeduri bejn kumpannija tal-assigurazzjoni b'responsabbiltà limitata, Bulstrad Vienna Insurance Group AD (iktar 'il quddiem "Bulstrad"), u impriża tal-assigurazzjoni inkorporata skont id-dritt Ċiprijott, Olympic Insurance Company Limited (iktar 'il quddiem "Olympic"). Il-proċeduri jikkonċernaw il-ħlas ta' pretensjoni tal-assigurazzjoni li Bulstrad issostni li kienet dovuta minn Olympic, bħala l-kumpannija omm ta' sussidjarja Bulgara.

2. Essenzjalment, it-talba inkwistjoni tiddependi fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 274 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) [2], fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fiż-żmien meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali. Speċifikament, id-domandi magħmula jistaqsu, essenzjalment, jekk isegwix minn dan l-artikolu li liġi Ċiprijotta li tipprevedi għas-sospensjoni ta' kwalunkwe proċeduri ġudizzjarji ladarba l-liċenzja operattiva ta' kumpannija tal-assigurazzjoni tkun ġiet irtirata u stralċjarju provviżorju maħtur għandha tiġi applikata wkoll fi qrati Bulgari, fejn dawn il-proċeduri qegħdin isiru. Qabel nipproċedi sabiex nikkunsidra dawn id-domandi, l-ewwel nett huwa madankollu neċessarju li jiġu stabbiliti t-testi leġiżlattivi rilevanti.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 ĠU 2009, L 335, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2014, L 219, p. 66, fil- ĠU 2016, L 262, p. 34 u fil-ĠU 2019, L 316, p. 107.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

3. Il-premessi 117 sa 130 tad-Direttiva 2009/138 jgħidu s-segwenti:

"(117) Peress li l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-miżuri ta' rijorganizzazzjoni u l-proċeduri ta' stralċ mhix armonizzata, huwa meħtieġ li fil-qafas tas-suq intern ikun hemm rikonoxximent reċiproku tal-miżuri ta' rijorganizzazzjoni u proċeduri ta' stralċ tal-Istati Membri li jikkonċernaw l-impriżi tal-assigurazzjoni, kif ukoll il-koooperazzjoni neċessarja li tqis il-bżonn għall-unità, l-universalità, il-koordinazzjoni u l-pubblikità ta' dawk il-miżuri kif ukoll t-trattament ekwivalenti u l-ħarsien tal-krediturі tal-assigurazzjoni.

[…]

(119) Għandha ssir distinzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-miżuri ta' rijorganizzazzjoni u proċeduri tal-istralċ, u l-awtoritajiet superviżorji għall-impriżi ta' assigurazzjoni.

[…]

(121) Għandhom jiġu stipulati kondizzjonijiet li taħthom il-proċeduri ta' stralċ, mingħajr ma jkunu fondati fuq is-solvibbiltà, jinvolvu ordni ta' prijorità għall-ħlas ta' klejms tal-assigurazzjoni, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-klejms mill-impjegati ta' impriża tal-assigurazzjoni li jitnisslu minn kuntratti u relazzjonijiet ta' impjieg, għandhom ikunu kapaċi li jiġu surrogati għal skema nazzjonali għall-garanzija tal-pagi. Tali klejms surrogati għandhom jibbenefikaw mit-trattament determinat mil-liġi tal-Istat Membru ta' domiċilju (lex concursus).

(122) Il-miżuri ta' rijorganizzazzjoni ma jipprekludux l-istituzzjoni ta' proċeduri ta' stralċ. Il-proċeduri ta' stralċ għandhom għalhekk ikunu jistgħu jinbdew fl-assenza ta', jew wara, l-adozzjoni ta' miżuri ta' rijorganizzazzjoni u jistgħu jintemmu b'kompożizzjoni jew miżuri oħra analogi, inklużi miżuri ta' rijorganizzazzjoni.

(123) L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju biss għandu jkollhom is-setgħa li jiddeċiedi dwar proċeduri ta' stralċ li jikkonċernaw lill-impriżi tal-assigurazzjoni. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jipproduċu l-effetti tagħhom fil-Komunità kollha u għandhom ikunu rrikonoxxuti mill-Istati Membri kollha. Id-deċiżjonijiet għandhom jiġu ppubblikati skont il-proċeduri tal-Istat Membru ta' domiċilju fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. L-informazzjoni għandha wkoll tkun disponibbli għall-krediturі magħrufa li huma residenti fil-Komunità, li għandu jkollhom id-dritt li jressqu klejms u jagħmlu sottomissjonijiet.

[…]

(125) Il-kondizzjonijiet kollha għall-istituzzjoni, il-prosegwiment u l-egħluq tal-proċeduri ta' stralċ għandhom ikunu rregolati bil-liġi tal-Istat Membru ta' domiċilju.

(126) Biex tkun żgurata azzjoni kkoordinata fost l-Istati Membri, l-awtoritajiet superviżorji tal-Istat Membru ta' domiċilju u tal-Istati Membri l-oħra kollha, għandhom ikunu informati b'urġenza, bl-istituzzjoni tal-proċeduri ta' stralċ.

[…]

(128) L-istituzzjoni tal-proċeduri ta' stralċ għandhom jinvolvu l-irtirar tal-awtorizzazzjoni għall-eżekuzzjoni tan-negozju, mogħtija lill-impriża tal-assigurazzjoni, sakemm din ma tklunx diġà ġiet irtirata.

[…]

(130) Biex l-aspettattivi leġittimi u ċ-ċertezza ta' ċerti tranżazzjonijiet jiġu mħarsa fl-Istati Membri għajr l-Istat Membru ta' domiċilju, huwa meħtieġ li tiġi ddeterminata l-liġi applikabbli għall-effetti ta' miżuri ta' rijorganizzazzjoni u proċeduri ta' stralċ, fuq kawżi pendenti u fuq azzjonijiet individwali ta' eżekuzzjoni naxxenti minn kawżi."

4. Skont l-Artikolu 14, ta' din id-direttiva, intitolat "Il-prinċipju tal-awtorizzazzjoni":

"1. Il-bidu tan-negozju ta' assigurazzjoni diretta jew riassigurazzjoni kopert minn din id-Direttiva għandu jkun suġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel.

2. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata mill-awtoritajiet superviżorji tal-Istat Membru tal- pajjiż tagħhom minn dawn li ġejjin:

(a) kull impriża li qed tistabbilixxi l-uffiċċju ewlieni tagħha fit-territorju ta' dak l-Istat Membru; jew

(b) kull impriża tal-assigurazzjoni li, wara li tkun irċeviet awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, tkun tixtieq testendi n-negozju tagħha għal klassi sħiħa ta' assigurazzjoni jew għal klassijiet ta' assigurazzjoni għajr dawk diġà ġew awtorizzati."

5. L-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2009/138, intitolat "L-ambitu tal-awtorizzazzjoni", jipprevedi li:

"Suġġett għall-Artikolu 14, awtorizzazzjoni għandha tingħata għal klassi partikolari ta' assigurazzjoni diretta kif elenkat fil- Parti A fl-Anness I jew fl-Anness II. Għandha tkopri l-klassi intiera, sakemm l-applikant ma jkunx mixtieq ikopri biss ftit mir-riskji li jappartjenu għal dik il-klassi."

6. L-Artikolu 144(1) ta' din id-direttiva, intitolat "L-irtirar tal-awtorizzazzjoni", huwa fformulat kif ġej:

"1. […]

L-awtorità superviżorja tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħha għandu jirtira awtorizzazzjoni li tkun ingħatat lil impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni f'każ li l-impriża ma tikkonformax mal-Kapital Minimu Rekwiżit u l-awtorità superviżorja tikkunsidra li l-iskema finanzjarja sottomessa hija evidentement inadegwata jew, l-impriża kkonċernata tonqos milli tikkonforma mal-iskema approvata fi żmien tliet xhur mill-osservazzjoni tan-nuqqas ta' konformità mal-Kapital Minimu Rekwiżit."

7. Id-Direttiva 2009/138 tinkludi Titolu IV intitolat "Ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ tal-impriżi tal-assigurazzjoni" li jinkludi l-Artikoli 267 sa 296.

8. L-Artikolu 267 ta' din id-direttiva, intitolat "L-ambitu ta' dan it-Titolu", jipprevedi:

"Dan it-Titolu japplika għall-miżuri ta' *riorganizzazzjoni* u proċeduri ta' stralċ dwar is-segwenti:

(a) impriżi tal-assigurazzjoni;

(b) fergħat li jinsabu fit-territorju tal-Komunità jew ta' impriżi tal-assigurazzjoni ta' pajjiżi terzi."

9. L-Artikolu 268 ta' din id-direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", jistabbilixxi:

"1. Għall-fini ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'awtorità kompetenti' tfisser awtorita' amministrattiva jew ġudizzjarja tal-Istati Membri li hi kompetenti għall-finijiet ta' miżuri ta' rijorganizzazzjoni jew proċeduri ta' stralċ;

[…]

(d) 'proċeduri ta' stralċ' tfisser il-proċeduri kollettivi li jinvolvu r-realizzazzjoni tal-attivi ta' impriża tal-assigurazzjoni u d-distribuzzjoni tar-rikavat fost il-krediturі, azzjonisti jew membri kif xieraq, li neċessarjament jinvolvu intervent mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, inkluż fejn il-proċeduri kollettivi huma mitmuma b'kompożizzjoni jew miżura oħra analoga, kemm jekk huma bbażati fuq l-insolvibbiltà jew le jew huma volontarji jew obbligatorji;

[…]"

10. L-Artikolu 269, intitolat "Adozzjoni ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni – Liġi applikabbli", isemmi:

"1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju biss għandu jkollhom is-setgħa li jiddeċiedu fuq il-miżuri ta' riorganizzazzjoni fuq impriżi tal-assigurazzjoni, inkluż il-fergħat tagħhom.

2. Il-miżuri ta' riorganizzazzjoni ma jipprekludux il-ftuħ ta' proċeduri għall-istralċ mill-Istat Membru ta' domiċilju tal-impriża.

3. Il-miżuri ta' riorganizzazzjoni għandhom ikunu rregolati mil-liġi, ir-regolamenti u l-proċeduri applikabbli fl-Istat Membru ta' domiċilju tal-impriża, ħlief kif ipprovdut fl-Artikoli 285 sa 292.

4. Il-miżuri ta' riorganizzazzjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' domiċilju għandhom ikunu effettivi għal kollox ġewwa l-Komunità kollha mingħajr ebda formalitajiet oħra, inkluż kontra terzi persuni fi Stati Membri oħra, ukoll fejn il-leġiżlazzjoni ta' dawk l-Istati Membri l-oħra ma tipprovdix għal dawn il-miżuri ta' riorganizzazzjoni jew inkella tagħmel l-implimentazzjoni tagħhom suġġetta għall-kondizzjonijiet li mhumiex milħuqa.

5. Il-miżuri ta' riorganizzazzjoni għandhom ikunu effettivi ġewwa l-Komunità kollha ladarba jidħlu fis-seħħ fl-Istat Membru ta' domiċilju."

11. L-Artikolu 270, intitolat "Tagħrif lill-awtoritajiet superviżorji", jipprevedi li:

"L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-impriża għandhom jinfurmaw bħala kwistjoni ta' urġenza lill-awtoritajiet superviżorji ta' dak l-Istat Membru bid-deċiżjoni tagħhom fuq kull miżura ta' riorganizzazzjoni, fejn possibbli qabel l-adozzjoni ta' dik il-miżura u fin-nuqqas minnufih wara.

L-awtoritajiet superviżorji tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-impriża għandhom jinfurmaw bħala kwistjoni ta' urġenza lill-awtoritajiet superviżorji tal-Istat Membru bid-deċiżjoni li jadottaw miżuri ta' riorganizzazzjoni inklużi l-effetti prattiċi possibbli ta' dawk il-miżuri."

12. L-Artikolu 271(1) tad-Direttiva 2009/138, intitolat "Pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar miżuri ta' riorganizzazzjoni", isemmi:

"Fejn appell huwa possibbli fl-Istat Membru ta' domiċilju tal-impriża kontra miżura ta' riorganizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju, l-amministratur jew kull persuna intitolata li tagħmel hekk fl-Istat Membru ta' domiċilju għandu jagħmel pubblika d-deċiżjoni tiegħu fuq miżura ta' riorganizzazzjoni skont il-pubblikazzjoni ta' proċeduri pprovduti fl-Istat Membru ta' domiċilju u, ukoll, għandu jippubblika fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel opportunità estratt mid-dokument li jistabbilixxi l-miżura ta' riorganizzazzjoni.

[…]

L-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri l-oħra li jkunu ġew infurmati bid-deċiżjoni fuq miżura ta' riorganizzazzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 270 jistgħu jiżguraw il-pubblikazzjoni ta' dik id-deċiżjoni fit-territorju tagħhom bil-mod li jikkunsidraw xieraq."

13. Skont l-Artikolu 273, intitolat "Bidu ta' proċeduri tal-istralċ –Tagħrif lill-awtoritajiet superviżorji":

"1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju biss għandu jkollhom is-setgħa li jieħdu d-deċiżjoni fuq il-bidu tal-proċeduri tal-istralċ fir-rigward ta' impriża tal-assigurazzjoni, inkluż il-fergħat tagħha fl-Istati Membri l-oħra. Din id-deċiżjoni għandha tittieħed fl-assenza, jew wara l-adozzjoni, ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni.

2. Deċiżjoni dwar il-bidu ta' proċeduri ta' stralċ ta' impriża tal-assigurazzjoni, inkluż il-fergħat tagħha fl-Istati Membri l-oħra, adottata skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħha għandha tkun rikonoxxuta mingħajr formalità ulterjuri fil-Komunità kollha u għandha tkun effettiva hemmhekk hekk kif id-deċiżjoni tkun effettiva fl-Istat Membru fejn il-proċeduri huma miftuħa.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-impriża għandhom jgħarrfu bħala kwistjoni ta' urġenza lill-awtoritajiet superviżorji ta' dak l-Istat Membru bid-deċiżjoni tal-bidu tal-proċeduri tal-istralċ, fejn possibbli qabel il-proċeduri jibdew u fin-nuqqas minnufih wara.

L-awtoritajiet superviżorji tal-Istat Membru ta' domiċilju għandhom jinfurmaw bħala kwistjoni ta' urġenza l-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri oħrajn bid-deċiżjoni li jinbdew proċeduri tal-istralċ inkluż l-effetti prattiċi possibbli ta' dawk il-miżuri."

14. L-Artikolu 274 ta' din id-direttiva, intitolat "Il-liġi applikabbli", jistabbilixxi:

"1. Id-deċiżjoni li jibdew proċeduri ta' stralċ fir-rigward ta' impriża tal-assigurazzjoni, il-proċeduri tal-istralċ u l-effetti tagħhom għandhom ikunu rregolati bil-liġi applikabbli fl-Istat Membru ta' domiċilju tagħha ħlief jekk mhux ipprovdut b'mod ieħor fl-Artikoli 285 sa 292.

2. Il-liġi tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-impriża għandha tiddetermina b'mod partikolari s-segwenti:

(a) l-attivi li jiffurmaw parti mill-patrimonju u t-trattament tal-attivi miksuba minn, jew li jiddevolvu fuq l-impriża tal-assigurazzjoni wara l-bidu tal-proċeduri tal-istralċ;

(b) il-poteri rispettivi tas-setgħat tal-impriża tal-assigurazzjoni u l-istralċarju;

(ċ) il-kondizzjonijiet li taħthom it-tpaċija tista' tkun invokata;

(d) l-effetti tal-proċeduri tal-istralċ fuq kuntratti kurrenti li fihom l-impriża tal-assigurazzjoni hija parti;

(e) l-effetti tal-proċeduri tal-istralċ fuq proċeduri mibdija mill-kredituri individwali, bl-eċċezzjoni ta' kawżi pendenti msemmija fl-Artikolu 292;

(f) il-klejms li huma preżentati kontra l-patrimonju tal-impriża tal-assigurazzjoni u t-trattament ta' klejms li joħorġu wara l-bidu tal-proċeduri tal-istralċ;

(g) ir-regoli li jirregolaw il-preżentazzjoni, il-verifika u l-ammissjoni tal-klejms;

(h) ir-regoli li jirregolaw it-tqassim tar-rikavat mir-realizzazzjoni tal-attivi, il-prijorità tal-klejms, u d-drittjiet tal-kredituri li kisbu sodisfazzjon parzjali wara l-bidu ta' proċeduri tal-istralċ bis-saħħa ta' dritt in rem jew permezz ta' tpaċija;

(i) il-kondizzjonijiet għall-proċeduri tal-istralċ u l-effetti tagħhom, partikolarment b'kompożizzjoni;

(j) id-drittijiet tal-kredituri wara l-għeluq tal-proċeduri tal-istralċ;

(k) il-parti li għandha tħallas l-ispejjeż magħmula fil-proċeduri għall-istralċ; u

(l) ir-regoli dwar in-nullità, l-annullabbiltà jew in-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' atti legali ta' detriment lill-kredituri kollha."

15. L-Artikolu 280(1) tad-Direttiva 2009/138, intitolat "Il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-proċedimenti tal-istralċ" jipprevedi:

"L-awtorità kompetenti, l-istralċarju jew kull presuna appuntata għal dak il-għan mill-awtorità kompetenti għandha tippubblika d-deċiżjoni biex tibda proċeduri ta' stralċ skont il-proċeduri ta' pubblikazzjoni pprovduti fl-Istat Membru ta' domiċilju tal-impriża u tippubblika wkoll estratt mid-deċiżjoni tal-istralċ fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri l-oħra kollha li jkunu infurmati bid-deċiżjoni biex jinbdew proċeduri tal-istralċ skont l-Artikolu 273(3) jistgħu jiżguraw il-pubblikazzjoni ta' dik id-deċiżjoni fit-territorji tagħhom bil-mod li jikkunsidraw xieraq."

16. L-Artikolu 292 ta' din l-istess direttiva, intitolat "Kawżi pendenti", jistabbilixxi:

"L-effetti ta' miżuri ta' riorganizzazjoni jew proċeduri ta' stralċ fuq kawża pendenti dwar attiv jew dritt minn liema impriża tal-assigurazzjoni tkun ġiet żvestita għandhom ikunu rregolati biss bil-liġi tal-Istat Membru fejn il-kawża hija pendenti."

B. Id-dritt Ċiprijott

17. Skont id-dritt Ċiprijott, stralċjarju provviżorju jista' jiġi maħtur minn qorti wara l-preżentata tat-talba għal ordni ta' stralċ, iżda qabel ma tingħata din l-ordni. Il-bażi normali li fuqha tintalab din il-ħatra hija minħabba riskju li jiġu pperikolati l-assi tal-kumpannija, speċifikament, ir-riskju tad-dissipazzjoni tagħhom qabel ma tingħata l-ordni ta' stralċ, bil-konsegwenza li l-kollezzjoni u d-distribuzzjoni *pro rata* tagħhom fost il-kredituri tal-kumpannija jiġu ffrustrati[3]. Ir-rwol tal-istralċjarju provviżorju huwa essenzjalment li jżomm u jipproteġi l-assi u l-*istatus quo* tal-impriża, inkluż id-dritt tagħha li tiġbor u/jew l-obbligu tagħha li tħallas u dak kollu li jaffettwa s-sitwazzjoni

3 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti Distrettwali ta' Nicosia, Unibrand Secretarial Services Limited vs Εταιρεία Tricor Limited (HE9769), Petizzjoni Nru 310/13, 9/7/2015 (ECLI:CY:EDLEF:2015:A282) u tal-Qorti Distrettwali ta' Limassol, AZOVMASHINVEST HOLDING LTD, Rikors Nru 380/14, 18/1/2017 (ECLI:CY:EDLEM:2017:A18).

finanzjarja tal-impriża b'mod ġenerali [4]. Il-portata preċiża tal-kompetenzi ta' stralċjarju provviżorju huwa ddeterminat mid-deċiżjoni tal-ħatra. Madankollu, stralċjarju provviżorju ma għandux, bħala prinċipju, il-kompetenza li jimmaniġġja u jmexxi l-affarijiet tal-kumpannija, li jibqgħu r-responsabbiltà tal-maniġers tagħha [5]. Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza ta' dan l-Istat Membru, stralċjarju ma għandux il-kompetenza li jiddistribwixxi l-assi tal-impriża [6].

18. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 215 tal-Peri Eterion Nomos (il-Liġi dwar il-Kumpanniji), intitolat "Setgħa li jiġu sospiżi jew limitati proċeduri kontra kumpannija":

"Fi kwalunkwe punt wara t-tressiq ta' talba għal ordni ta' stralċ u qabel ma tingħata din l-ordni, il-kumpannija jew kwalunkwe kreditur jew kontributur jista' –

(a) fil-każ fejn kwalunkwe rikors jew proċeduri oħra jkunu pendenti kontra l-kumpannija quddiem kwalunkwe Qorti Disterttwali jew il-Qorti Suprema, jitolbu lil din il-qorti għal sospensjoni tal-proċeduri; u

(b) fil-każ fejn kwalunkwe rikors ieħor ikun pendenti kontra l-kumpannija, jitolbu lill-qorti li għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tordna l-istralċ tal-kumpannija sabiex twaqqaf proċeduri ulterjuri fir-rigward tar-rikors inkwistjoni,

u l-qorti li quddiemha titressaq it-talba rilevanti tista' tissospendi jew tillimita l-proċeduri, skont il-każ, skont il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa."

19. L-Artikolu 220 ta' din il-liġi, intitolat "Twaqqif ta' proċeduri kontra l-kumpannija mal-ħruġ ta' ordni ta' stralċ", jipprevedi li:

"L-ebda rikors ma jista' jiġi ppreżentat u l-ebda proċeduri ma jistgħu jinbdew jew jinżammu kontra l-kumpannija wara l-ħruġ ta' ordni ta' stralċ jew wara l-ħatra ta' stralċjarju provviżorju, ħlief bl-awtorizzazzjoni tal-qorti u skont dawk it-termini li l-qorti tista' timponi."

20. L-Artikolu 227 ta' din il-liġi, intitolat "Ħatra u kompetenzi ta' stralċjarju provviżorju", jistabbilixxi:

"(1) Suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-qorti tista' taħtar prattikant fl-insolvenza, liċenzjat skont il-Liġi dwar il-Prattikanti fl-Insolvenza, bħala stralċjarju provviżorju, fi kwalunkwe punt wara t-tressiq ta' talba għal stralċ, bl-għan li jiġu protetti l-assi tal-kumpannija u li jiġi pprovdut element ta' stabbiltà fir-rigward tal-istatus tal-kumpannija.

(2) Stralċjarju provviżorju jista' jinħatar fi kwalunkwe punt qabel il-ħruġ ta' ordni ta' stralċ. Id-destinatarju uffiċjali jew kwalunkwe persuna oħra xierqa jistgħu jiġu maħtura bħala stralċjarju provviżorju.

(2A) L-istralċjarju provviżorju għandu jeżerċita l-kompetenzi assenjati lilu mill-qorti.

(3) Il-kompetenzi tal-istralċjarju provviżorju jistgħu jkunu limitati u restritti mill-qorti skont id-digriet li jistipula l-ħatra tiegħu."

4 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Distrettwali ta' Nicosia, Tricor Limited, Petizzjoni Nru 310/13, 13/1/2016 (ECLI:CY:EDLEF:2016:A16).

5 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Distrettwali ta' Larnaca, Νίκο Κυριακίδη, Προσωρινό Παραλήπτη vs Assofit Holdings Limited, Rikors Nru 26/2012, 28/5/2013, ECLI:CY:EDLAR:2013:A90).

6 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti Distrettwali ta' Nicosia, Unibrand Secretarial Services Limited vs Εταιρεία Tricor Limited (HE9769), Petizzjoni Nru 310/13, 9/7/2015 (ECLI:CY:EDLEF:2015:A282) u ta' Nicosia, Tricor Limited, Petizzjoni Nru 310/13, 13/1/2016 (ECLI:CY:EDLEF:2016:A16). Ara wkoll, f'dan is-sens, l-Artikolu 233 tal-Peri Eterion Nomos (il-Liġi dwar il-Kumpanniji).

C. Id-dritt Bulgaru

21. L-Artikolu 624(2) tal-Kodeks za zastrahovaneto (il-Kodiċi tal-Assigurazzjonijiet) jipprevedi:

"Jekk il-[Komisia za finansov nadzor (il-Kummissjoni għall-Kontroll Finanzjarju)] tiġi informata mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor dwar il-bidu ta' proċeduri ta' stralċ jew ta' insolvenza, hija għandha tieħu l-miżuri sabiex tinforma lill-pubbliku."

22. L-Artikolu 44 tal-Kodeks na mezhdunarodnoto chastno pravo (il-Kodiċi dwar id-Dritt Internazzjonali Privat) jistabbilixxi:

"(1) Id-dritt barrani għandu jiġi interpretat u applikat skont l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tiegħu fl-Istat li fih ġie adottat.

(2) In-nuqqas ta' applikazzjoni ta' dritt barrani u interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tiegħu għandhom jikkostitwixxu motivi għal appell."

III. Il-fatti fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

23. Bulstrad, kumpannija tal-assigurazzjoni rreġistrata fil-Bulgarija, ippreżentat rikors quddiem is-Sofiyski rayonen sad (il-Qorti Distrettwali ta' Sofija, il-Bulgarija). Permezz ta' dan ir-rikors, Bulstrad talbet li Olympic, kumpannija tal-assigurazzjoni rreġistrata f'Ċipru, tiġi ordnata tħallasha s-somma ta' 7 603.63 lev Bulgaru (BGN) (madwar EUR 3 887), flimkien ma' spejjeż tal-istralċ ta' BGN 25.00 (madwar EUR 13), fir-rigward ta' kumpens tal-assigurazzjoni relatat ma' inċident tat-traffiku.

24. Ir-rikorrenti ssostni li fil-5 ta' Jannar 2018, fil-belt ta' Bansko, il-Bulgarija, is-sewwieq ta' vettura assigurata minn Olympic ikkawża dannu materjali lil vettura oħra assigurata minn Bulstrad. Minħabba li s-sewwieq tat-tieni vettura kien kopert b'assigurazzjoni komprensiva, ġie mħallas lilu kumpens tal-assigurazzjoni li jammonta għal BGN 7603.63 (madwar EUR 3 887) mir-rikorrenti. Billi ħallset il-kumpens tal-assigurazzjoni, Bulstrad ġiet issurrogata fid-drittijiet tal-persuna direttament leża kontra l-persuna li kkawżat id-dannu, u l-kumpannija tal-assigurazzjoni tagħha. Bulstrad bagħtet lil Olympic talba għall-ħlas tal-kumpens tal-assigurazzjoni lill-konvenuta li, minkejja li rċevietha fis-6 ta' Lulju 2018, għadha ma għamiltx dan il-ħlas. Konsegwentement, Bulstrad ippreżentat rikors kontra l-konvenuta, permezz tal-fergħa ta' din tal-aħħar fil-Bulgarija, fejn talbet li l-konvenuta tiġi ordnata tħallas l-ammonti mitluba u sabiex issostni l-ispejjeż tal-qorti.

25. Il-qorti tar-rinviju qieset li hija kellha ġurisdizzjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 13(2), moqri flimkien mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1). Madankollu, matul il-proċeduri, il-qorti nazzjonali ġiet informata li l-awtoritajiet kompetenti Ċiprijotti kienu rtiraw l-awtorizzazzjoni ta' Olympic sabiex topera bħala impriża tal-assigurazzjoni minħabba li naqset milli tosserva r-rekwiżiti ta' kapital u li stralċjarju provviżorju, li jassumi u jikkontrolla d-drittijiet ekonomiċi u legali kollha li għalihom il-kumpannija hija intitolata jew tidher li hija intitolata, ġie maħtur għall-kumpannija. Din il-qorti qieset li dawn l-azzjonijiet tal-awtoritajiet Ċiprijotti jammontaw għal deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ u, permezz ta' digriet tas-26 ta' Settembru 2018, issospendiet il-proċeduri kontra Olympic skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Assigurazzjonijiet Bulgaru li jittrasponi d-Direttiva 2009/138.

26. Bulstrad talbet it-tkomplija tal-proċeduri fuq il-bażi li, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti mill-Varhoven kasatsionen sad (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, il-Bulgarija), il-proċeduri kienu ġew sospiżi b'mod żbaljat. Skont din l-interpretazzjoni, iż-żewġ rikorsi msemmija iktar 'il fuq tal-awtoritajiet Ċiprijotti ma jistgħux jitqiesu bħala ekwivalenti għal deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ mill-Istat Membru ta' oriġini fit-tifsira tal-leġiżlazzjoni Bulgara li tittrasponi l-Artikolu 274 tad-Direttiva 2009/138.

27. Bi tweġiba, il-qorti tar-rinviju talbet lill-Kummissjoni Bulgara għall-Kontroll Finanzjarju sabiex tiddikjara jekk kellhiex kwalunkwe informazzjoni dwar il-bidu ta' proċeduri ta' stralċ jew ta' insolvenza għal Olympic quddiem il-qorti kompetenti f'Ċipru u, jekk dawn il-proċeduri bdew, sabiex tiddikjara f'liema stadju waslu u jekk ġiex maħtur stralċjarju jew fiduċjarju. F'ittra ddatata d-19 ta' Marzu 2019, din il-kummissjoni qalet li sa dakinhar hija ma kinitx irċeviet xi informazzjoni dwar il-ftuħ ta' proċeduri ta' istralċ ta' Olympic mill-awtorità Ċiprijotta kompetenti.

28. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju ssospendiet il-proċeduri quddiemha u għamlet id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"(1) Fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 630 tal-Kodeks za zastrahovanieto (il-Kodiċi tal-assigurazzjonijiet), fid-dawl tal-Artikolu 274 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II), għandu jitqies li d-deċiżjoni ta' awtorità ta' Stat Membru li tirtira l-liċenzja ta' assiguratur u li taħtar stralċjarju provviżorju għal dan l-assiguratur, mingħajr ma tiftaħ proċedura ġudizzjarja ta' stralċ, tikkostitwixxi 'deċiżjoni li jibdew proċeduri ta' stralċ'?

(2) F'sitwazzjoni fejn id-dritt tal-Istat Membru fejn jinsab l-uffiċċju rreġistrat tal-assiguratur li l-liċenzja tiegħu tkun ġiet irtirata u li għalih ikun inħatar stralċjarju provviżorju jipprevedi li, fil-każ li jinħatar stralċjarju provviżorju għandhom jiġu sospiżi l-proċeduri ġudizzjarji kollha kontra din il-kumpannija, dawn ir-regoli għandhom jiġu applikati mill-qrati tal-Istati Membri jekk dan ma jkunx previst espliċitament fid-dritt nazzjonali tagħhom, u dan bis-saħħa tal-Artikolu 274 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)?"

29. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Gvern Bulgaru u mill-Kummissjoni Ewropea.

IV. Analiżi

A. Fuq l-ammissibbiltà tad-domandi

30. Skont ġurisprudenza stabbilita, domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula minn qorti nazzjonali jgawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tiddeċiedi dwar dawn biss jekk ma jkollhiex il-punti ta' fatt jew ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha, jekk il-problema tkun ipotetika, jew jekk ikun pjuttost ovvju li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mfittxija ma jkollha l-ebda relazzjoni mal-fatti proprji tar-rikors prinċipali jew mal-għan tiegħu [7].

7 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Mejju 2010, Ioannis Katsivardas - Nikolaos Tsitsikas (C-160/09, EU:C:2010:293, punt 27).

31. F'din il-kawża, wara li ppreżentat it-talba għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju rrapportat li l-awtoritajiet ta' kontroll Bulgari kienu informawha li, permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Lulju 2019, kienu nbdew proċeduri ta' stralċ kontra Olympic u li din id-deċiżjoni ġiet ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali ta' Ċipru fit-23 ta' Awwissu 2019. Sussegwentement, permezz ta' ittra tal-4 ta' Frar 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja staqsiet lill-qorti tar-rinviju jekk xtaqitx li żżomm id-domandi tagħha.

32. Permezz ta' digriet tal-21 ta' Frar 2020, il-qorti nazzjonali wieġbet li xtaqet iżżomm ir-rikors tagħha.

33. Peress li, f'din il-kawża, l-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-punti kollha ta' fatt jew ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi għad-domandi li sarulha, it-tieni nett, il-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jinkludi l-ebda evidenza li t-talba hija ipotetika u, it-tielet nett, ma huwiex ovvju li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mfittxija ma għandha l-ebda relazzjoni mal-fatti proprji tar-rikors prinċipali jew mal-għan tiegħu, ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari ma jistax jiġi ddikjarat inammissibbli. Fil-fatt, fil-qasam tal-insolvenza, il-mument preċiż li fih għandhom jiġu sospiżi proċeduri pendenti eventwali quddiem il-qrati ta' Stati Membri oħra huwa ta' importanza partikolari.

B. Fuq il-mertu

1. Fuq l-ewwel domanda

34. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 274 tad-Direttiva 2009/138 għandux jiġi interpretat fis-sens li d-deċiżjoni ta' awtorità tal-Istat Membru ta' oriġini ta' kumpannija tal-assigurazzjoni sabiex tirtira l-awtorizzazzjoni ta' kumpannija tal-assigurazzjoni u taħtar stralċjarju provviżorju għaliha, mingħajr ma tiġi formalment adottata deċiżjoni ġudizzjarja li tibda proċeduri ta' stralċ, tikkostitwixxi "deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ" fis-sens ta' dan l-artikolu.

35. Skont l-Artikolu 274(1) tad-Direttiva 2009/138, id-deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ fir-rigward ta' impriża tal-assigurazzjoni, il-proċeduri ta' stralċ u l-effetti tagħhom huma rregolati mid-dritt applikabbli fl-Istat Membru ta' oriġini.

36. L-Artikolu 268(1)(d) ta' din id-direttiva jipprevedi, madankollu, li, għall-finijiet tat-Titolu IV ta' din id-direttiva (intitolat "Ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ tal-impriżi tal-assigurazzjoni" u li jinkludi l-Artikolu 274), il-kunċett ta' "proċeduri ta' stralċ" jirreferi għall-"proċeduri kollettivi li jinvolvu r-*realizzazzjoni tal-attivi ta' impriża tal-assigurazzjoni* u d-*distribuzzjoni tar-rikavat fost il-kredituri*, azzjonisti jew membri kif xieraq, li *neċessarjament jinvolvu intervent mill-awtoritajiet kompetenti* ta' Stat Membru, inkluż fejn il-proċeduri kollettivi huma mitmuma b'kompożizzjoni jew miżura oħra analoga, kemm jekk huma bbażati fuq l-insolvibbiltà jew le jew huma volontarji jew obbligatorji"[8]. Isegwi li, filwaqt li huma l-Istati Membri ta' oriġini li għandhom jiddeċiedu taħt liema kundizzjonijiet deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ tista' tittieħed kif ukoll il-modalitajiet u l-effetti ta' dawn il-proċeduri, it-tifsira tat-terminu "proċeduri ta' stralċ" fis-sens tad-Direttiva 2009/138 ma tiddependix fuq id-dritt nazzjonali: pjuttost tippreżupponi minflok li l-proċedura inkwistjoni tissodisfa d-definizzjoni ta' dan il-kunċett mogħtija fl-Artikolu 268(1)(d).

37. Rigward il-ġurisdizzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk deċiżjoni partikolari għandhiex titqies li ġiet adottata wara proċedura li tissodisfa din id-definizzjoni u, għaldaqstant, bħala deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ, id-Direttiva 2009/138 ma tinkludi l-ebda dispożizzjoni li tagħti kompetenza esklużiva lill-qrati tal-Istat Membru ta' oriġini sabiex jevalwaw in-natura legali tad-deċiżjoni li tiġi adottata mill-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat Membru. Lanqas ma tipprovdi li l-awtoritajiet

8 Enfasi miżjuda minni.

kompetenti, meta jadottaw deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ, għandhom jikkonformaw ma' ċerti formalitajiet sostantivi sabiex din id-deċiżjoni tiġi faċilment identifikata bħala tali. Lanqas ma tinkludi lista ta' proċeduri eżistenti fid-diversi Stati Membri li għandhom jiġu kklassifikati bħala proċeduri ta' stralċ, sabiex il-qrati tal-Istati Membri l-oħra jkunu jistgħu jidentifikawhom faċilment. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 273(2) sempliċement jistabbilixxi li deċiżjonijiet li jinbdew proċeduri ta' stralċ għandhom jiġu rrikonoxxuti fl-Unjoni kollha *mingħajr formalità oħra* apparti dik rikjesta mil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri ta' oriġini [9].

38. Huwa minnu li l-Artikolu 273(2) tad-Direttiva 2009/138 jistabbilixxi prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet li jinbdew proċeduri ta' stralċ. Madankollu, kif jistabbilixxi l-Artikolu 267, il-kamp ta' applikazzjoni tat-Titolu IV, – u, għaldaqstant, il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku stabbilit fl-Artikolu 273 – japplika biss għal deċiżjonijiet li fir-rigward tagħhom ikun ġie stabbilit li jirrigwardaw proċeduri ta' stralċ fis-sens ta' din id-direttiva [10].

39. Isegwi, għaldaqstant, kemm mill-kuntest kif ukoll mill-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2009/138 li l-qrati ta' Stati Membri oħra għandhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeterminaw jekk deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' oriġini għandhiex tiġi kklassifikata bħala deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ fis-sens tad-Direttiva 2009/138. Madankollu, fejn dan ikun il-każ, dawn il-qrati huma meħtieġa li jippermettulhom li jkollhom effett.

40. Huwa ċar mill-formulazzjoni tal-Artikolu 268(1)(d) tad-Direttiva 2009/138 li, sabiex deċiżjoni tiġi kklassifikata bħala deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ, għandhom jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet. L-ewwel nett, il-proċedura għandu jkollha bħala l-għan tagħha r-realizzazzjoni tal-assi ta' impriża tal-assigurazzjoni u d-distribuzzjoni tar-rikavat fost il-krediturі, azzjonisti jew membri kif xieraq. It-tieni nett, għandha tinvolvi l-awtoritajiet kompetenti, jiġifieri skont l-Artikolu 268(1)(a) ta' din id-direttiva, l-"awtorita' amministrattiva jew ġudizzjarja tal-Istati Membri li hi kompetenti għall-finijiet ta' miżuri ta' rijorganizzazzjoni jew proċeduri ta' stralċ".

41. F'din il-kawża, il-kwistjoni hija, kif rajna, jekk deċiżjoni sabiex tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni ta' kumpannija tal-assigurazzjoni u li jiġi maħtur stralċjarju provviżorju tistax tiġi meqjusa bħala deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ jew waħda li timplika l-eżistenza ta' dawn il-proċeduri fis-sens tad-Direttiva 2009/138.

42. Rigward il-ħatra ta' stralċjarju provviżorju, minħabba li din il-ħatra hija biss temporanja, l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni neċessarjament timplika li stralċjarju jkun sussegwentement maħtur definittivament bir-responsabbiltà li jirrealizza l-assi ta' impriża tal-assigurazzjoni.

43. Minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta dritt nazzjonali jew tapplika regola ta' dritt tal-Unjoni għal kawża partikolari jew li tiġġudika dispożizzjoni ta' dritt nazzjonali b'riferiment għal din ir-regola, hija tista', madankollu, tislet mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja l-elementi kollha neċessarji sabiex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni prevista mill-qorti tar-rinviju fid-domandi tagħha sabiex tipprovdi lill-qorti nazzjonali b'interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tal-Unjoni li tista' tkun utli għaliha fl-evalwazzjoni tal-effetti ta' dik id-dispożizzjoni [11].

9 Il-ġurisprudenza tat lill-kunċett ta' "formalità", użat fl-Artikoli 3(2) u 6(1) tad-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 15) u li l-formulazzjoni tiegħu hija simili għal dik fl-Artikoli 269(4) u 273(2), portata pjuttost wiesgħa. Ara, is-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2013, LBI (C-85/12, EU:C:2013:697, punt 40).

10 Ara, b'analoġija, fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku fi kwistjonijiet kriminali, is-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2018, IK (Eżekuzzjoni ta' piena addizzjonali) (C-551/18 PPU, EU:C:2018:991, punt 51). Jekk ċerti strumenti tal-Unjoni dwar ir-rikonoxximent ta' sentenzi jagħtu ġurisdizzjoni esklużiva lil qrati tal-Istati Membri ta' oriġini għal ċertu tip ta' suġġett jew jorbtu lill-qrati li quddiemhom ġie ppreżentat rikors bil-konstatazzjonijiet ta' fatt li fuqhom il-qorti ta' oriġini stabbilixxiet ġurisdizzjoni, il-qorti tal-Istat ospitanti madankollu tibqa' kompetenti sabiex tevalwa jekk sitwazzjoni taqax jew le fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn l-istrumenti.

11 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Lulju 2015, Abcur (C-544/13 u C-545/13, EU:C:2015:481, punt 34) u tal-20 ta' Mejju 2010, Ioannis Katsivardas - Nikolaos Tsitsikas (C-160/09, EU:C:2010:293, punt 24).

44. F'din il-kawża, huwa ċar mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, id-deċiżjoni sabiex jinħatar stralċjarju provviżorju tittieħed *wara* t-talba għal ordni ta' stralċ, iżda *qabel* ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja fir-rigward ta' din it-talba [12]. Barra minn hekk, skont din l-istess leġiżlazzjoni nazzjonali, stralċjarju provviżorju ma huwiex, bħala prinċipju, kompetenti li jirrealizza l-assi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew li jħallas id-dividendi lill-krediturі [13]. Il-fatt, madankollu, li stralċjarju provviżorju ma għandux dawn il-prerogattivi – li, naturalment, hija kwistjoni li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju – jelimina l-possibbilità li deċiżjoni bħal din tista' timplika l-bidu jew l-eżistenza ta' proċeduri ta' stralċ fis-sens tad-Direttiva 2009/138, preċiżament minħabba li huma dawn il-karatteristiċi li huma meqjusa bħala essenzjali sabiex deċiżjoni titqies bħala deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ għall-għanijiet tal-Artikolu 268(1)(d) tad-Direttiva 2009/138.

45. Rigward l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, għandu jiġi nnotatat li d-Direttiva 2009/138 tiddistingwi bejn deċiżjoni bħal din u l-adozzjoni ta' deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ.

46. L-ewwel nett, il-konsegwenzi marbuta ma' kull deċiżjoni huma ddefiniti f'titoli differenti tad-Direttiva, rispettivament it-Titolu I u t-Titolu IV. Skont l-Artikolu 144, moqri flimkien mal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/138, l-irtirar tal-awtorizzazzjoni huwa intiż li jipprojbixxi l-impriża kkonċernata milli tkompli b'kwalunkwe attivitajiet relatati mal-klassi tal-assigurazzjoni li għaliha kienet ingħatat din l-awtorizzazzjoni preċedenti. B'kuntrast ma' dan, skont l-Artikolu 273 tal-istess direttiva, l-adozzjoni ta' deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ għandha l-effetti legali li l-liġi tal-Istat Membru ta' oriġini tagħti lil proċeduri bħal dawn.

47. It-tieni nett, filwaqt li, skont l-Artikolu 144, moqri flimkien mal-Artikolu 13(10) tad-Direttiva 2009/138, id-deċiżjoni li tiġi rtirata awtorizzazzjoni tittieħed mill-awtorità nazzjonali jew mill-awtoritajiet nazzjonali magħmula kompetenti b'liġi jew regolament sabiex jissorveljaw impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, skont l-Artikolu 268(d), moqri flimkien mal-Artikolu 268(a), id-deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ tittieħed mill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji tal-Istati Membri li huma kompetenti għall-finijiet tal-miżuri ta' riorganizzazzjoni jew tal-proċeduri ta' stralċ [14]. Dawn l-awtoritajiet jistgħu fil-fatt ikunu l-istess, iżda dan ma huwiex neċessarjament il-każ [15].

48. It-tielet nett, dawn huma tipi differenti ta' deċiżjonijiet li jfittxu għanijiet differenti. Skont l-Artikolu 15 *et seq* tad-Direttiva 2009/138, u t-termini tal-premessi 8 u 11 ta' din id-direttiva, il-proċedura ta' awtorizzazzjoni hija mfassla sabiex tiżgura li kwalunkwe impriża li twettaq attivitajiet ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni tosserva numru ta' regoli u li dawn l-impriżi jistgħu jwettqu n-negozju tagħhom fl-Unjoni kollha. Fir-rigward ta' deċiżjonijiet li jinbdew proċeduri ta' stralċ, isegwi mill-Artikolu 268(1)(d) tad-Direttiva 2009/138, li d-deċiżjonijiet huma intiżi li jippreparaw ir-realizzazzjoni tal-assi tal-impriża tal-assigurazzjoni u d-distribuzzjoni tar-rikavat fost il-krediturі, anki jekk din tal-aħħar tista' finalment ma ssirx [16]. Isegwi mill-premessa 121 tad-Direttiva 2009/138 li l-adozzjoni ta' deċiżjoni bħal din ma tistax tkun fondata fuq l-insolvenza.

12 Ara l-Artikolu 227(2) tal-Peri Eterion Nomos (il-Liġi dwar il-Kumpanniji).

13 Ara, f'dan is-sens, il-Qorti Distrettwali ta' Nicosia, Unibrand Secretarial Services Limited vs Εταιρεία Tricor Limited (HE9769), Petizzjoni Nru 310/13, 9/7/2015 (ECLI:CY:EDLEF:2015:A282); il-Qorti Distrettwali ta' Nicosia, Tricor Limited, Petizzjoni Nru 310/13, 13/1/2016 (ECLI:CY:EDLEF:2016:A16), u Poiitis, A., Η εκκαθάριση Εταιρειών, it-tieni edizzjoni, Larnaca, 2015, p. 89.

14 Għal din ir-raġuni, l-Artikolu 273(3) tad-Direttiva 2009/138 jipprevedi li, fil-każ li jinbdew proċeduri ta' stralċ, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini għal dawn il-proċeduri għandhom, qabel ma jinbdew dawn il-proċeduri, fejn possibbli jinformaw lill-awtoritajiet ta' kontroll ta' dan l-Istat Membru, jiġfieri, l-awtoritajiet kompetenti sabiex jirtiraw l-awtorizzazzjoni.

15 Ara, f'dan is-sens, il-premessa 119 tad-Direttiva 2009/138.

16 Barra minn hekk, skont dawn id-dispożizzjonijiet, il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' din tal-ewwel huma armonizzati, filwaqt li dawk għall-adozzjoni ta' din tal-aħħar jaqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri.

49. Ir-raba' nett, filwaqt li fil-każ tal-irtirar ta' awtorizzazzjoni, l-Artikolu 144(2) tad-Direttiva 2009/138 jipprevedi li l-awtorità ta' kontroll tal-Istat Membru sempliċement għandha tinnotifika l-awtoritajiet ta' kontroll tal-Istati Membri l-oħra, fil-każ ta' deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ, l-Artikolu 273(3) tad-Direttiva 2009/138 jistabbilixxi li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw lill-awtoritajiet l-oħra mhux biss bid-deċiżjoni tagħhom, iżda wkoll bl-effetti prattiċi li dawn il-proċeduri jistgħu jkollhom. Iktar minn hekk, sa fejn hija kkonċernata deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ, l-Artikolu 280 tal-istess direttiva jeħtieġ li l-awtorità kompetenti, l-istralċjarju jew kwalunkwe persuna maħtura għal dan l-għan mill-awtorità kompetenti tippubblika deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ skont il-proċeduri ta' pubblikazzjoni previsti fl-Istat Membru ta' oriġini u tippubblika wkoll estratt mid-deċiżjoni tal-istralċ f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

50. Isegwi li, kif indikat mill-Gvern Bulgaru, il-kunċett ta' "deċiżjoni li tiġi rtirata awtorizzazzjoni" minn naħa u dik ta' "deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ" min-naħa l-oħra jirreferu għal deċiżjonijiet distinti. Peress li d-Direttiva 2009/138 ma tinkludi l-ebda dispożizzjoni li teħtieġ lill-Istati Membri jqisu li l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tinvolvi jew tfisser il-bidu ta' proċeduri ta' stralċ, l-eżistenza ta' "deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ" fis-sens tad-Direttiva 2009/138 ma tistax tiġi dedotta *sempliċement* minħabba l-irtirar ta' awtorizzazzjoni ta' impriża tal-assigurazzjoni. Fil-fatt, huwa pjuttost possibbli, pereżempju, li tittieħed deċiżjoni li tiġi rtirata awtorizzazzjoni partikolari għal raġunijiet *oħra* milli l-insolvenza tal-impriża tal-assigurazzjoni.

51. Huwa minnu li l-Artikolu 279 tad-Direttiva 2009/138 jipprevedi li l-bidu ta' proċeduri ta' stralċ għandu jinvolvi, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 144 ta' din id-direttiva, l-irtirar ta' awtorizzazzjoni. L-oppost ma huwiex veru, madankollu, minħabba li d-Direttiva 2009/138 ma teħtieġx li, fil-każ tal-irtirar ta' awtorizzazzjoni, l-Istat Membru ta' oriġini għandu awtomatikament jibda proċeduri ta' stralċ minħabba dan il-fatt biss. Għall-kuntrarju, il-premessa 128 tad-Direttiva 2009/138 tindika li "[l]-istituzzjoni tal-proċeduri ta' stralċ għandhom jinvolvu l-irtirar tal-awtorizzazzjoni għall-eżekuzzjoni tan-negozju, mogħtija lill-impriża tal-assigurazzjoni, *sakemm din ma tklunx diġà ġiet irtirata*" [17] li timplika li l-bidu ta' proċeduri ta' stralċ ma jinvolvux awtomatikament l-irtirar tal-awtorizzazzjoni [18].

52. Għalkemm id-Direttiva 2009/138 ma tinkludi l-ebda obbligu sabiex l-Istati Membri jipprevedu li l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet kollha mogħtija lil impriża tal-assigurazzjoni awtomatikament iwassal għall-bidu ta' proċeduri ta' stralċ kontriha fis-sens tal-Artikolu 268(1)(d) tad-Direttiva 2009/138 mingħajr lanqas ma jeħtieġu l-adozzjoni ta' deċiżjoni separata, hija ma tipprojbixxi madankollu lill-Istati Membri milli jipprevedu regola bħal din. Huwa għaldaqstant biss jekk il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' oriġini tipprevedi regola bħal din, li tippreżupponi li l-organi nħatru bħala awtoritajiet kompetenti fis-sens tal-Artikolu 268(1)(a) tad-Direttiva 2009/138 u bħala awtoritajiet ta' kontroll fis-sens tal-Artikolu 13(10) ta' din id-direttiva, li l-qrati tal-Istati Membri l-oħra għandhom għalhekk jiddeduċu l-eżistenza ta' proċeduri ta' stralċ mill-eżistenza ta' deċiżjoni ta' rtirar ta' awtorizzazzjoni.

17 Enfasi miżjuda minni.

18 F'dan ir-rigward, skont l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2009/138, l-awtorizzazzjoni tingħata għal klassi partikolari ta' assigurazzjoni diretta jew anki għal parti mir-riskji li jaqgħu f'din il-klassi. Minħabba li l-istess kumpannija tal-assigurazzjoni tista' tkun ingħatat diversi awtorizzazzjonijiet, l-irtirar ta' awtorizzazzjoni għal klassi partikolari ma jfissirx neċessarjament li ma tistax tissodisfa l-għanijiet tagħha ta' kumpannija. Huwa minnu li meta l-awtorizzazzjoni tiġi rtirata għar-raġuni speċifika li l-impriża tal-assigurazzjoni tkun naqset milli tosserva r-rekwiżiti ta' kapital, l-irtirar tal-awtorizzazzjoni mingħajr il-bidu sussegwenti ta' proċeduri ta' stralċ jista' jidher *prima facie* illoġiku. Fil-fatt, kif isegwi mill-Artikoli 101 u 129 tad-Direttiva 2009/138, ir-rekwiżiti ta' kapital huma kkalkolati globalment fir-rigward tal-klassijiet kollha tal-attivitajiet tal-impriża tal-assigurazzjoni. Konsegwentement, fejn ir-rekwiżit tal-kapital stabbilit fid-Direttiva 2009/138 ma huwiex issodisfatt, dan jinvolvi, bħala prinċipju, l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet kollha mogħtija lil din l-impriża. Peress li, skont l-Artikolu 18(1)(a) tad-Direttiva 2009/138, impriżi tal-assigurazzjoni jistgħu, bħala prinċipju, ma jkollhomx għanijiet korporattivi apparti min-negozju tal-assigurazzjoni u operazzjonijiet li jirriżultaw direttament minn dan, l-impriża kkonċernata ma tistax iktar umbagħad twettaq l-għanijiet korporattivi tagħha. Madankollu, kif enfasizzat mill-premessa 128 tad-Direttiva, huwa ċar li l-leġiżlatur tal-Unjoni intenzjonalment għażel li ma jeħtieġx lill-Istati Membri jipprevedu li l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet kollha mogħtija lil kumpannija tal-assigurazzjoni awtomatikament jinvolvi l-istralċ tagħha, forsi minħabba li ma jistax jiġi eskluż li l-kumpannija tista' sussegwentement tiġi salvata.

53. Fil-kawża prinċipali, ma jidhirx mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tipprevedi li l-irtirar tal-awtorizzazzjoni jkun awtomatikament iwassal għall-bidu ta' proċeduri ta' stralċ. Għall-kuntrarju, il-Gvern Bulgaru jsostni li fid-deċiżjoni tat-30 ta' Lulju 2019 li jinbdew il-proċeduri ta' stralċ fir-rigward ta' Olympic, il-Qorti Distrettwali ta' Nicosia nnotat li d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tirtira l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex titwettaq l-attività ta' assiguratur ma kinitx timplika stralċ simultanju u awtomatiku ta' dik il-kumpannija tal-assigurazzjoni.

54. Isegwi mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti li d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tirtira l-awtorizzazzjoni u taħtar stralċjarju provviżorju ma tikkostitwixxix "deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ" fis-sens tal-Artikolu 268(1)(d) tad-Direttiva 2009/138, ħlief fejn (bil-mod previst minn din l-aħħar dispożizzjoni) il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi jew li l-istralċjarju provviżorju huwa intitolat jirrealizza l-assi tal-impriża tal-assigurazzjoni inkwistjoni u li jiddistribwixxi r-rikavat fost il-krediturі jew li l-irtirar tal-awtorizzazzjoni għandu l-effett li awtomatikament jibda l-proċeduri ta' stralċ, *mingħajr* il-bżonn ta' deċiżjoni separata f'dan is-sens minn awtorità oħra.

55. Minkejja li d-domanda magħmula mill-qorti nazzjonali tirrigwarda biss il-bidu ta' proċeduri ta' stralċ, għandu jiġi enfasizzat ukoll li, skont l-Artikolu 268(1)(ċ) tad-Direttiva 2009/138, il-kunċett ta' "miżuri ta' riorganizzazzjoni" jirreferi għal "kull intervent mill-awtoritajiet kompetenti maħsuba sabiex jippreservaw jew jirrestawraw is-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriża tal-assigurazzjoni u li jaffettwaw id-drittijiet preeżistenti ta' partijiet għajr l-impriża tal-assigurazzjoni nnifisha, inklużi iżda mhux illimitati għall-miżuri li jinvolvu l-possibbiltà ta' sospensjoni ta' pagamenti, sospensjoni ta' miżuri eżekuttivi jew ta' tnaqqis fil-klejms". Isegwi, għaldaqstant, li hija biss deċiżjoni li tissodisfa t-tliet kundizzjonijiet segwenti li għandha titqies bħala miżura ta' riorganizzazzjoni fis-sens tat-Titolu IV tad-Direttiva 2009/138, b'mod partikolari:

– li din id-deċiżjoni tkun ġiet adottata mill-awtoritajiet kompetenti, jiġifieri, skont l-Artikolu 268(1)(a), l-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji tal-Istati Membri li huma kompetenti għall-finijiet tal-miżuri ta' riorganizzazzjoni jew tal-proċeduri ta' stralċ;

– li tkun intiża għall-preservazzjoni jew restawr tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' impriża tal-assigurazzjoni;

– li tkun taffettwa drittijiet preeżistenti ta' partijiet li ma humiex l-impriża tal-assigurazzjoni stess.

56. Fil-proċeduri prinċipali, ċerti elementi tal-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jissuġġerixxu li, l-ewwel nett, id-deċiżjoni għall-ħatra ta' stralċjarju provviżorju ġiet adottata minn awtorità li hija kompetenti wkoll sabiex tadotta miżuri ta' riorganizzazzjoni. It-tieni nett, deċiżjoni bħal din hija intiża li tiżgura li l-assi tal-kumpannija jiġu ppreservati. It-tielet nett, din id-deċiżjoni ma taffettwax biss il-governanza korporattiva tal-entità, iżda taffettwa wkoll id-drittijiet preeżistenti ta' partijiet li ma humiex l-impriża tal-assigurazzjoni nnifisha. Fil-fatt, skont l-Artikolu 220 tal-Liġi dwar il-Kumpanniji, l-ebda rikors ma jista' jiġi ppreżentat jew proċeduri mibdija jew miżmuma kontra l-kumpannija wara l-ħatra ta' stralċjarju provviżorju, ħlief bl-awtorizzazzjoni tal-qorti. Għaldaqstant, id-deċiżjoni li jinħatar stralċjarju provviżorju tista' fil-fatt tikkostitwixxi miżura ta' riorganizzazzjoni fis-sens tal-Artikolu 268(1)(ċ) tad-Direttiva 2009/138. Din, madankollu, hija kwistjoni li l-qorti tar-rinviju biss għandha tevalwa.

57. Fejn dan huwa l-każ, l-Artikolu 269(4) tad-Direttiva 2009/138 jipprevedi li l-Istati Membri l-oħra u, b'estensjoni, l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħhom, għandhom jirrikonoxxu l-effetti prodotti minn miżura bħal din skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' oriġini, anki jekk l-awtoritajiet kompetenti tiegħu ma informawx lill-awtoritajiet tal-Istati Membri l-oħra bl-adozzjoni ta' din il-miżura jew bl-effetti tagħha, kif meħtieġ mill-Artikolu 270 tad-Direttiva 2009/138.

58. Jekk id-deċiżjoni inkwistjoni fil-proċeduri prinċipali li tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni ta' impriża tal-assigurazzjoni u li jiġi maħtur stralċjarju provviżorju għandha tiġi kklassifikata, fid-dawl tal-effett li l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' oriġini torbot magħha, bħala miżura ta' riorganizzazzjoni jew bħala deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ, Stati Membri oħra jkunu umbagħad obbligati, skont l-Artikolu 269(4) u l-Artikolu 273(2) tad-Direttiva 2009/138 rispettivament, jirrikonoxxu l-effetti li l-liġi tal-Istat Membru ta' oriġini jorbtu ma' dawn id-deċiżjonijiet.

59. Huwa minnu li l-Artikolu 292 tad-Direttiva 2009/138 jipprevedi li "[l]-effetti ta' miżuri ta' riorganizzazjoni jew proċeduri ta' stralċ fuq kawża pendenti dwar attiv jew dritt minn liema impriża tal-assigurazzjoni tkun ġiet żvestita għandhom ikunu rregolati biss bil-liġi tal-Istat Membru fejn il-kawża hija pendenti." Madankollu, f'dan il-każ, il-proċeduri prinċipali ma jikkonċernawx assi jew dritt li diġà ttieħed mill-impriża tal-assigurazzjoni [19].

60. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta għall-ewwel domanda tkun li l-Artikolu 274 tad-Direttiva 2009/138 għandu jiġi interpretat fis-sens li deċiżjoni ta' awtorità ta' Stat Membru li tirtira l-awtorizzazzjoni ta' impriża tal-assigurazzjoni u li taħtar stralċjarju provviżorju ma tikkostitwixxix "deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ" fis-sens ta' din id-direttiva, ħlief jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi jew li dan l-istralċjarju provviżorju huwa intitolat li jirrealizza l-assi ta' din l-impriża u li jiddistribwixxi r-rikavat fost il-krediturі jew jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi li l-irtirar tal-awtorizzazzjoni awtomatikament iwassal għall-bidu ta' proċeduri ta' stralċ mingħajr il-bżonn tal-adozzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni ulterjuri f'dan is-sens.

61. Jekk deċiżjoni bħal din ma tistax tiġi kklassifikata bħala deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ, iżda l-adozzjoni tagħha hija intiża sabiex tiżgura li l-assi korporattivi jiġu ppreservati u tipprekludi l-introduzzjoni jew iż-żamma ta' kwalunkwe rikors jew proċeduri kontra l-impriża tal-assigurazzjoni ħlief bl-awtorizzazzjoni tal-qorti, deċiżjoni bħal din għandha tiġi kklassifikata bħala miżura ta' riorganizzazzjoni fis-sens tat-Titolu IV tad-Direttiva 2009/138.

62. Jekk din id-deċiżjoni tista' tiġi kkaratterizzata bħala deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ jew bħala miżuri ta' riorganizzazzjoni fis-sens tat-Titolu IV tad-Direttiva 2009/138, din id-deċiżjoni għandha tiġi rrikonoxxuta mingħajr l-ebda formalità oħra fl-Unjoni kollha.

2. Fuq it-tieni domanda

63. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-liġi tal-Istat Membru ta' oriġini ta' impriża tal-assigurazzjoni, li tipprevedi li l-proċeduri ġudizzjarji kollha kontra din il-kumpannija għandhom jiġu sospiżi fil-każ tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni tagħha u l-ħatra ta' stralċjarju provviżorju, għandha tiġi applikata mill-qrati tal-Istati Membri l-oħra anki jekk il-leġiżlazzjoni tagħhom ma tinkludix regola bħal din.

64. Isegwi mir-risposta għall-ewwel domanda li, sabiex l-Istati Membri l-oħra jkollhom obbligu skont id-Direttiva 2009/138 sabiex jissospendu l-proċeduri ġudizzjarji tagħhom minħabba l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Istat Membru ta' oriġini, huwa neċessarju li, l-ewwel nett, din id-deċiżjoni tikkostitwixxi jew miżura ta' riorganizzazzjoni jew deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ fis-sens tat-Titolu IV ta' din id-direttiva u, it-tieni nett, li l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' oriġini tipprevedi li, fil-każ tal-adozzjoni ta' deċiżjoni bħal din, kwalunkwe proċeduri ġudizzjarji kontra l-impriża inkwistjoni

19 F'dan ir-rigward, huwa interessanti li jiġi nnotat li, b'mod partikolari fis-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2013, LBI (C-85/12, EU:C:2013:697, punt 53), il-ġurisprudenza interpretat l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2001/24, li huwa fformulat b'mod identiku għall-Artikolu 292 tad-Direttiva 2009/138, fuq il-bażi tal-premessa 30 tad-Direttiva 2001/24. Madankollu, jekk l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2001/24 huwa fformulat eżattament l-istess bħall-Artikolu 292 tad-Direttiva 2009/138, il-premessa 130 tad-Direttiva 2009/138, għall-kuntrarju tal-premessa 30 tad-Direttiva 2001/24, ma tiddistingwixxix bejn kawżi pendenti u rikorsi individwali għal infurzar li jirriżultaw minn kawżi, iżda jidher, għall-kuntrarju, li tikkunsidrahom kollha flimkien. Fid-dawl ta' din il-premessa u tal-formulazzjoni tal-Artikolu 292 tad-Direttiva 2009/138, jidher li, skont din id-direttiva, il-kriterju deċiżiv huwa jekk il-proċeduri preżenti jirrigwardawx jew le assi li l-impriża diġà ħelset minnu b'mod materjali.

għandhom jiġu sospiżi. Fil-fatt, skont l-Artikolu 269(4) u l-Artikolu 273(2) tad-Direttiva 2009/138, l-Istati Membri huma obbligati jirrikonoxxu l-effetti li l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' oriġini torbot ma' dawn iż-żewġ tipi ta' deċiżjonijiet. Għaldaqstant, minkejja li l-qorti nazzjonali ma speċifikatx id-dispożizzjonijiet li l-interpretazzjoni tagħhom kienet imfittxija, jista' jiġi dedott mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li dawn id-dispożizzjonijiet huma l-Artikolu 269(4) u l-Artikolu 273(2) ta' din id-direttiva.

65. F'dan il-kuntest, nifhem li t-tieni domanda saret lill-Qorti tal-Ġustizzja peress li l-kawża prinċipali tikkonċerna tilwima bejn żewġ individwi [20]. Fil-fatt, peress li direttiva hija att indirizzat lill-Istati membri li għandha tiġi trasposta minnhom fid-dritt nazzjonali tagħhom, id-dispożizzjonijiet ta' direttiva jistgħu biss ikollhom effett dirett jekk ikunu ċari, preċiżi u inkundizzjonati u jekk l-Istat Membru jkun naqas milli jittrasponi b'mod korrett dawn id-dispożizzjonijiet fit-terminu previst. Anki meta dawn il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfatti, direttiva ma tista' qatt fiha nnifisha timponi obbligi fuq individwu u ma tistax għaldaqstant tiġi invokata *bħala tali* kontra individwu [21]. Fil-fatt, jekk il-possibbiltà li tiġi invokata dispożizzjoni ta' direttiva li ma ġietx trasposta jew ġiet trasposta b'mod żbaljat, tiġi estiża għall-qasam tar-relazzjonijiet bejn l-individwi, dan ikun iwassal sabiex jiġi rrikonoxxut li l-Unjoni għandha s-setgħa li tistabbilixxi b'effett immedjat obbligi fuq l-individwi, meta fil-fatt l-Unjoni għandha din il-kompetenza biss fejn ingħatat is-setgħa li tadotta regolamenti [22].

66. Għaldaqstant, anki dispożizzjoni ċara, preċiża u inkundizzjonata ta' direttiva intiża sabiex tikkonferixxi drittijiet jew timponi obbligi fuq individwi ma tistax tiġi applikata *bħala tali* fil-kuntest ta' kawża esklużivament bejn individwi [23].

67. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet sitwazzjonijiet li, mingħajr ma jikkostitwixxu eċċezzjonijiet, sempliċement ma humiex koperti minn dan il-prinċipju, jew minħabba li t-tilwima inkwistjoni ma tikkostitwixxix strettament tilwima bejn individwi jew minħabba l-interpożizzjoni ta' regola nazzjonali jew tal-Unjoni li għandha effett dirett u li tista' tiġi invokata minn individwi.

68. L-ewwel nett, dispożizzjoni ta' direttiva tista' tapplika fil-kuntest ta' tilwima bejn individwi fejn wieħed minn dawn l-individwi huwa suġġett għall-awtorità tal-Istat, iwettaq missjoni ta' interess pubbliku u għandu setgħat li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt ordinarju [24]. Fil-fatt, peress li f'din is-sitwazzjoni din il-persuna ma tistax tiġi mqabbla ma' persuna fiżika ordinarja, id-direttiva tista' timponi obbligi fuqha. Madankollu, f'din il-kawża, din is-sitwazzjoni tista' ma tapplikax minħabba li kumpanniji tal-assigurazzjoni ma għandhomx, bħala prinċipju, prerogattivi ta' awtorità pubblika u, għalhekk, ma jistgħux jitqiesu bħala organi pubbliċi f'dan ir-rigward.

20 F'din il-kawża, qiegħed ninnota li l-qorti tar-rinviju ssospendiet il-proċeduri prinċipali kontra l-konvenuta. Madankollu, ma jistax jiġi dedott minn dan il-fatt waħdu li t-tieni domanda hija ipotetika. Fil-fatt, is-sospensjoni ġiet deċiża fuq il-bażi li bdew proċeduri ta' stralċ kontra l-konvenuta u mhux li l-ħatra ta' stralċjarju provviżorju tikkostitwixxi, skont id-dritt Ċiprijott, miżura ta' riorganizzazzjoni. Fid-dawl tar-risposta proposta għall-ewwel domanda u sa fejn ma jistax jiġi eskluż li d-dritt Bulgaru, kif interpretat mill-qrati ta' dan l-Istat Membru, ma jippermettix is-sospensjoni ta' proċeduri kontra kumpannija tal-assigurazzjoni fil-każ ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni fis-sens tal-Artikolu 268(1)(ċ) tad-Direttiva 2009/138, jidher li huwa neċessarju li tingħata risposta għat-tieni domada.

21 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-10 ta' Ottubru 2017, Farrell (C-413/15, EU:C:2017:745, punto 31) u tas-7 ta' Awwisu 2018, Smith (C-122/17, EU:C:2018:631, punt 42). Peress li skont l-Artikolu 309(1) tad-Direttiva 2009/138 it-terminu għat-traspożizzjoni tagħha kien il-31 ta' Marzu 2015, dawn il-kundizzjonijiet jistgħu jitqiesu li ġew issodisfatti f'din il-kawża.

22 Ara, pereżempju, is-sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften (C-684/16, EU:C:2018:874, punt 66). Meta l-Unjoni jkollha l-possibbiltà tagħżel bejn l-adozzjoni ta' direttiva jew l-adozzjoni ta' regolament, il-fatt li l-leġiżlatur ikun għażel li jadotta direttiva jimplika neċessarjament li huwa kellu l-intenzjoni li jeskludi l-possibbiltà li d-dispożizzjonijiet ippromulgati jipproduċu effett dirett orizzontali.

23 Sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Smith (C-122/17, EU:C:2018:631, punt 43).

24 Sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Smith (C-122/17, EU:C:2018:631, punt 45).

69. It-tieni nett, kif tindika s-sentenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Smith, dispożizzjoni ta' direttiva tista' tittieħed inkunsiderazzjoni f'tilwima bejn żewġ individwi fejn tikkonkretizza l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjon jew ta' dritt fundamentali li jista' jiġi direttament invokat [25]. Fil-fatt, f'sitwazzjoni bħal din, ma hijiex id-direttiva *bħala tali* li timponi obbligi fuq individwi, iżda minflok – skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja – il-prinċipju ġenerali jew id-dritt fundamentali, kif inkorporat f'din id-direttiva.

70. Ma huwiex neċessarju hawnhekk li tiġi eżaminata din il-linja ta' ġurisprudenza jew, fil-kawżi li jinvolvu l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), il-portata sa fejn din tosserva r-restrizzjonijiet speċifiċi imposti fuq il-kamp ta' applikazzjoni tagħha mill-Artikolu 51(1) tal-Karta. Anki jekk din il-linja ta' ġurisprudenza hija korretta sa fejn tissuġġerixxi li ċerti prinċipji ġenerali jew drittijiet fundamentali tad-dritt tal-Unjoni jistgħu jimponu dak li essenzjalment huwa forma ta' effett dirett orizzontali fir-rigward tad-direttivi, l-uniku argument f'dan is-sens li jista' jsir fil-kawża preżenti huwa dak li jgħid li l-Artikolu 269(4) jew l-Artikolu 273(2) tad-Direttiva 2009/138 jista' jagħti espressjoni konkreta għar-rekwiżit ta' kooperazzjoni leali bejn l-Istati Membri, stabbilit fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(3) TUE [26]. Madankollu, dan l-aħħar prinċipju ma jirriżultax f'obbligu indipendenti tal-Istati Membri [27]. Konsegwentement, anki jekk il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali ġieli jissemma mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tenfasizza l-importanza tal-osservanza ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni [28], dan il-prinċipju ma jistax jintuża sabiex tiġi ġġustifikata l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' direttiva li ma tkunx ġiet trasposta fi proċeduri bejn individwi. Li kieku kien mod ieħor, l-Artikolu 4(3) TUE jkun jista' jiġi invokat kważi f'kull kawża sabiex jimponi dak li fil-prattika jista' jammonta għal forma ta' effett dirett orizzontali.

71. Fi kwalunkwe każ, il-prinċipju ta' kooperazzjoni li jista' possibbilment jitqajjem f'din il-kawża huwa wieħed li ma jikkonċernax r-relazzjonijiet bejn Stat Membru u l-Unjoni iżda jikkonċerna r-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri. F'dan il-każ, madankollu, il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali ma huwiex intiż li jistabbilixxi regola legali applikabbli bħala tali; huwa jiddefinixxi sempliċement numru ta' kwistjonijiet li dwarhom l-Istati Membri għandhom jidħlu f'negozjati ma' xulxin sakemm ikun meħtieġ [29].

72. It-tielet nett, anki jekk direttiva ma tista' qatt fiha nnifisha timponi obbligi fuq individwu, in-natura vinkolanti li din takkwista wara li t-terminu għall-implimentazzjoni tagħha jkun għadda tqiegħed obbligu fuq l-awtoritajiet nazzjonali sabiex jinterpretaw id-dritt nazzjonali tagħhom f'konformità magħha [30]. Għaldaqstant, sabiex tipprovdi l-protezzjoni legali li individwi jirċievu mir-regoli tad-dritt tal-Unjoni, kwalunkwe qorti nazzjonali mitluba sabiex tinterpreta d-dritt nazzjonali tagħha għandha tieħu inkunsiderazzjoni r-regoli kollha ta' dan id-dritt u tapplika l-metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti sabiex tinterpretah, *sakemm ikun possibbli*, fid-dawl tat-test kif ukoll tal-għan tad-direttiva inkwistjoni sabiex jintlaħaq ir-riżultat stabbilit minnha [31].

25 Ara, f'dan is-sens, pereżempju, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Smith (C-122/17, EU:C:2018:631, punti 46 sa 48).

26 Huwa minnu li l-għan ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni jew ta' stralċ huwa li tiġi protetta l-impriża inkwistjoni kontra riskju ta' falliment u li jitħallsu l-krediturі tagħha bl-aħjar mod possibbli. Madankollu, ma jistax jiġi dedott li dispożizzjonijiet, bħall-Artikolu 269(4) jew l-Artikolu 273(2), tad-Direttiva 2009/138 jagħtu espressjoni konkreta ta' drittijiet fundamentali bħal dak tal-libertà ta' intrapriża, previst fl-Artikolu 16 tal-Karta, jew id-dritt tal-proprjetà, imsemmi fl-Artikolu 17 tal-Karta. Fil-fatt, kif jirriżulta b'mod ċar mill-Artikoli 269, 273 u 274, id-Direttiva 2009/138 hija intiża li tiżgura r-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' proċeduri ta' riorganizzazzjoni u ta' stralċ, mingħajr ma tarmonizza r-regoli sostantivi relatati ma' kwalunkwe waħda minn dawn il-proċeduri. Konsegwentement, ma hijiex id-Direttiva 2009/138 li x'aktarx tagħti espressjoni konkreta għal dawn id-drittijiet, iżda huma l-liġijiet tal-Istati Membri.

27 Ara, pereżempju, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 2017, Puškár (C-73/16, EU:C:2017:725, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-3 ta' Marzu 2016, Il-Kummissjoni vs Malta (C-12/14, EU:C:2016:135, punt 37). Madankollu, il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali ma jippermettix Stat Membru li jevita l-obbligi li huma imposti fuqu mid-dritt tal-Unjoni (sentenza tat-18 ta' Ottubru 2016, Nikiforidis (C-135/15, EU:C:2016:774, punt 54)), inkluż il-fatt li l-prinċipju ta' ċertezza legali jipprekludi direttiva milli timponi obbligi legali fuq individwu.

29 Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-26 ta' Mejju 2016, NN (L) International (C-48/15, EU:C:2016:356, punt 38).

30 Dan l-obbligu lanqas ma huwa eċċezzjoni għall-prinċipju li direttiva ma tistax timponi obbligi fuq individwi. Fil-fatt, f'sitwazzjoni bħal din, l-obbligu li jiġi impost fuq individwi ma jkunx minħabba din id-direttiva bħala tali, iżda minħabba l-leġiżlazzjoni nazzjonali, peress li huwa permezz ta' din li d-direttiva tiġi applikata.

31 Sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Smith (C-122/17, EU:C:2018:631, punt 39).

73. Il-kliem prinċipali hawn huma, naturalment, "sakemm ikun possibbli". Il-prinċipju li d-dritt nazzjonali jiġi interpretat f'konformità mad-dritt tal-Unjoni huwa limitat b'ċerti prinċipji ġenerali oħra tad-dritt, inkluż dak ta' ċarezza legali. L-obbligu ta' qorti nazzjonali sabiex tirreferi għad-dritt tal-Unjoni fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tar-regoli rilevanti tad-dritt nazzjonali ma jistax iservi bħala l-bażi għal interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali li hija *contra legem*.

74. Għandu jitfakkar ukoll li individwi u entitajiet privati huma intitolati li jirregolaw l-affarjiet tagħhom b'riferiment għad-dritt nazzjonali prevalenti fl-Istati Membri kollha. Dawn ma għandhomx jitqiesu responsabbli għall-fatt – jekk huwa fatt – li Stat Membru partikolari jkun naqas mid-dmir tiegħu li jittrasponi direttiva partikolari bil-mod li din id-direttiva teħtieġ jew isofru l-konsegwenzi legali ta' dan in-nuqqas. Prinċipju prinċipali ta' kwalunkwe ordinament ġuridiku strutturat – bħal dak tal-Unjoni – huwa li għandu jkun hemm rabta bejn responsabbiltà personali u responsabbiltà legali. Din hija raġuni oħra għalfejn, bħala kwistjoni tal-ewwel prinċipji u ġustizzja elementari, direttiva ma għandhiex tingħata effett dirett orizzontali kontra entità privata, mhux statali, preċiżament minħabba li n-nuqqasijiet ta' Stat Membru fir-rigward tat-traspożizzjoni ta' direttiva ma għandhomx jiġu sostnuti minn terz innoċenti li ma għandu l-ebda responsabbiltà f'dan ir-rigward.

75. Dan kollu jfisser li qorti nazzjonali ma tistax – u ma għandhiex – effettivament tikteb mill-ġdid test leġiżlattiv nazzjonali taħt id-dehra ta' *interprétation conforme* għaliex dan jimmina l-proċess leġiżlattiv nazzjonali. Hija, naturalment, pilastru tan-natura demokratika tal-Istati Membri tal-Unjoni li l-liġi ssir biss mir-rappreżentanti eletti ta' dan l-Istat fi ħdan is-sistemi parlamentari u ġuridiċi tagħhom. Għalhekk, direttiva ma tistax tiġi invokata f'tilwima bejn individwi sabiex tiġi mwarrba l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tkun kuntrarja għal din id-direttiva [32].

76. F'din il-kawża, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha tistax tiġi interpretata, fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, fis-sens li tipprevedi li l-proċeduri ġudizzjarji kollha kontra din l-kumpannija għandhom jiġu sospiżi fil-każ tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni tagħha u tal-ħatra ta' stralċjarju provviżorju.

77. Jiena għalhekk nipproponi li r-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 269(4) u l-Artikolu 273(2) tad-Direttiva 2009/138 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, f'tilwima bejn żewġ individwi, il-liġi tal-Istat Membru ta' oriġini ta' impriża tal-assigurazzjoni, li tipprevedi s-sospensjoni ta' kull proċedura ġudizzjarja kontra din il-kumpannija fil-każ tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni tagħha u tal-ħatra ta' stralċjarju provviżorju, ma għandhiex tiġi applikata mill-qrati tal-Istati Membri l-oħra jekk il-leġiżlazzjoni tagħhom ma tkunx tinkludi tali regola, sakemm, l-ewwel nett, tali rtirar jew tali ħatra tkun tikkostitwixxi miżura ta' riorganizzazzjoni jew deċiżjoni li jinbdew proċeduri tal-istralċ fis-sens tat-Titolu IV ta' din id-direttiva u, it-tieni nett, il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri l-oħra tkun tista' tiġi interpretata b'mod ġust bħala li tippermetti din is-sospensjoni, li jeħtieġ li tali interpretazzjoni ma tammontax għal interpretazzjoni *contra legem*.

V. Konklużjoni

78. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mis-Sofiyski rayonen sad (il-Qorti Distrettwali ta' Sofija, il-Bulgarija) kif ġej:

(1) L-Artikolu 274 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) għandu jiġi interpretat fis-sens li deċiżjoni ta' awtorità ta' Stat Membru li tirtira l-awtorizzazzjoni ta' impriża tal-assigurazzjoni u li taħtar stralċjarju provviżorju ma tikkostitwixxix "deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ"

32 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' April 2016, DI (C-441/14, EU:C:2016:278, punt 32) u tat-22 ta' Jannar 2019, Cresco Investigation (C-193/17, EU:C:2019:43, punt 73).

fis-sens ta' din id-direttiva, ħlief jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi jew li dan l-istralċjarju provviżorju huwa intitolat li jirrealizza l-assi ta' din l-impriża u li jiddistribwixxi r-rikavat fost il-krediturі jew jekk l-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi li l-irtirar tal-awtorizzazzjoni awtomatikament iwassal għall-bidu ta' proċeduri ta' stralċ mingħajr il-bżonn tal-adozzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni ulterjuri f'dan is-sens

Jekk deċiżjoni bħal din ma tistax tiġi kklassifikata bħala deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ, iżda l-adozzjoni tagħha hija intiża sabiex tiżgura li l-assi korporattivi jiġu ppreservati u tipprekludi l-introduzzjoni jew iż-żamma ta' kwalunkwe rikors jew proċeduri kontra l-impriża tal-assigurazzjoni ħlief bl-awtorizzazzjoni tal-qorti, deċiżjoni bħal din għandha tiġi kklassifikata bħala miżura ta' riorganizzazzjoni fis-sens tat-Titolu IV tad-Direttiva 2009/138.

Jekk deċiżjoni tista' tiġi kkaratterizzata bħala deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' stralċ jew bħala miżuri ta' riorganizzazzjoni fis-sens tat-Titolu IV tad-Direttiva 2009/138, din id-deċiżjoni għandha tiġi rrikonoxxuta mingħajr l-ebda formalità oħra fl-Unjoni kollha.

(2) L-Artikolu 269(4) u l-Artikolu 273(2) tad-Direttiva 2009/138 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, f'tilwima bejn żewġ individwi, il-liġi tal-Istat Membru ta' oriġini ta' impriża tal-assigurazzjoni, li tipprevedi s-sospensjoni ta' kull proċedura ġudizzjarja kontra din il-kumpannija fil-każ tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni tagħha u tal-ħatra ta' stralċjarju provviżorju, ma għandhiex tiġi applikata mill-qrati tal-Istati Membri l-oħra jekk il-leġiżlazzjoni tagħhom ma tkunx tinkludi tali regola, sakemm, l-ewwel nett, tali rtirar jew tali ħatra tkun tikkostitwixxi miżura ta' riorganizzazzjoni jew deċiżjoni li jinbdew proċeduri tal-istralċ fis-sens tat-Titolu IV ta' din id-direttiva u, it-tieni nett, il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri l-oħra tkun tista' tiġi interpretata b'mod ġust bħala li tippermetti din is-sospensjoni, li jeħtieġ li tali interpretazzjoni ma tammontax għal interpretazzjoni *contra legem*.